# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

Spettur Charlotte Curmi

Vs

Raymond Caruana

(K.I. 0639254 M)

Illum 25 ta' Settembru, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Raymond Caruana (K.I 0639254M) bin Oreste Caruana u Sarah nee' *Separing imwieled fil-erbgha u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u erbgha' u hamsin* (24/08/1954) u joqghod Savoy Gardens, Blk D, Triq Luqa Briffa, Gzira fejn hu akkuzat;

Talli fil-05 ta’ Dicembru, 2018, ghall-habta ta’ 16:00 hrs fi Triq Profs Walter Ganado, Pembroke soqt vettura b’ numru ta’ registrazzjoni TAXI163M.

1. U b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta’ Jean Paul Sultana li gabet il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta skond kif iccertifika Dr. M Caruana MD mill-MDH u jew diversi tobba tal-MDH;
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b’ manjera traskurata.
3. U talli soqt l-imsemmija vettura b’ manjera perikoluza.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan,

Il-Qorti giet mitluba li f’ kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Wara li semghet ix-xhieda bil-gurament ta’ Doris Serpina Sciberras li ezebit Dok A fis-seduta tal-19 ta’ Lulju, 2021; ta’ Mario Sultana li ezebixxa Dok MS fis-seduta ta’ 19 ta’ Lulju 2021; PS 790 N Zerafa fis-seduta tal-19 ta’ Lulju, 2021; Dr Alessia Zammit Mc Keon ghal-imputat ezebiet tlett ritratti Dok RC 1 sa RC 3 fis-seduta tal-19 ta’ Lulju, 2021; ta’ Dr Mario Scerri li ezebixxa rapport Dok MS fis-seduta tal-29 ta’ Marzu, 2023; ta’ l-Ispettur Leroy Balzan Engerer fis-seduta tal-29 ta’ Marzu, 2023

Wara li rat li fis-seduta tal-24 ta’ Mejju, 2022 l-Qorti ikkonfermat in-nomina tal-esperti fl-inkjesta.  Il-Qorti estendiet l-inkarigu ta’ Dr Mario Scerri jekk il-minuri Jean Paul Sultana ghandux griehi ai termini ta’ Art 218 tal-Kap. 9;

Rat li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-29 ta’ Marzu, 2023, l-imputat ghazel li ma jixhidx;

Rat li fis-seduta tal-29 ta’ Marzu, 2023 l-partijiet trattaw il-kawza u l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Rat l-artikoli 226(1)(a)(b) (d), l-artikolu 218 tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta ' Malta u l-artikolu 15(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tl-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-Trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Dott. Malcolm Caruana,** konsulent emergency medicine, xehed permezz ta' affidavit datat 1 ta' Lulju 2021. Jixhed li huwa ezemina lil Jean Paul Sultana bin-numru ta' identita' 275507 L fil-5 ta' Dicembru 2018. Il-konsulent xehed li l-griehi kienu jikkonsistu fi (i) Tbengila fuq in-naha tal-lemin tar-ras. (ii) Brix fuq in-naha tax-xelluq tal-wicc. (iii) Ugiegh fuq iz-zaqq fuq in-naha tal-lemin. (iv) Ugiegh fuq il-koxxa tal-lemin. (v) Brix fuq l-irkopptejn. (vi) Is-CT Scan wera lacerazzjoni fuq il-fwied u ksur tal-pelvis fuq in-naha tal-lemin. Jixhed li n-natura ta' dawn il-griehi hija serja.

**Doris Serpina Sciberrras**, Deputat Registratur il-Qorti, xedet fis-seduta tal-19 ta' Lulju, 2021 u ipprezentat procès verbal fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Raymond Caruana' redatt mill-Magistrat Dr Doreen Clarke li gie mghoddi fit-30 ta' Gunju, 2021.

**Mario Sultana**, missier il-vittma, l-minuri Jean Paul Sultana, xehed fis-seduta tal-19 ta' Lulju 2021. Ix-xhud ma kienx prezenti meta sehh l-incident. Xehed li gie infurmat mill-mara dwar l-incident u mar wara fuq il-post tal-incident u cioe' fejn l-ITS faccata tad-dar taghhom gewwa Pembroke. Ix-xhud jipprezenta case summary report minn Mater Dei Hospital pertinenti ghal minuri Jean Paul Sultana (I.D. 02755071) [ Dok MC]. Fuq il-kundizzjoni tat-tifel jghid li ma kellux ksur u li sa fejn jaf hu l-problema kienet il-fwied li t-tabib

qallu li ma ghandux problemi fil-fwied aktar. Ghamel gimgha rikoverat l-isptar u gimghatejn wara d-dar recovery.

**PS 790 Nathan Zerafa**, xehed fis-seduta tal-19 ta' Lulju, 2021. Jixhed li fil-5 ta' Dicembru, 2018 waqt li kien xoghol dahal rapport li kien hemm kollizjoni bejn karozza u pedestrian got-Triq Walter Ganado, Pembroke. X' hin wasal fuq il-post sab tifel mixhut ma' l-art u karozza quddiemu, tal-ambulanza kienu tiga' fuq il-post. X' hin wasal fuq il-post it-tifel kien wahdu. Kien kellem lix-xuffier tal-karozza Taxi 163M, Raymond Caruana li qed jaghraf fl-awla. L-imputat kien qallu li t-tifel kien qasam ghallarrieda. Fl-akwati hemm zebra crossing pero' ma jihdrix li t-tifel kien qasam minn fuq iz-zebra crossing. Sar ukoll breathalyser test fuq l-imputat u irrizulta li kien 0 milligrams, jigiefieri ma kienx taht l-effett tal-alkohol. Ix-xhud informa lil Spettur Leroy Balzan li kien duty u l-involviment tax-xhud waqaf hawn. Jikkonferma r-ritratti Dok RC 1, RC 2 u RC 3 huma l-post fejn sar l-incident. Jikkonferma r-rapport ezebit.

Jixhed li L-incident sehh aktar l-isfel mit-traffic lights. Qed jaghraf it-taxi fir-ritratti ezebiti. Jikkonferma li meta wasal fuq il-post it-tifel kien ghadu hemm ezatt quddiem it-taxi. Hadd ma semma li t-tifel jew it-taxi ccaqalqu sakemm wasal hu. Ix-xhud ma kejjilx id-distanza tal-karozza mil-pelican lights imma mir-ritratti jihder li kien diversi metri l-boghod. Mistoqsi jekk kienx hemm karozzi ipparkjati jirrispondi li ma jiftakarx imma jaf li fuq in-naha tax-xellug tat-triq hemm parking bays. X' hin wasal fuq il-post tal-incident kien 'daylight'. L-incident sehh fl-4:30 pm jkun ghadu ser jibda' jidlam.

**It-Tabib Dr Mario Scerri**, specjalista fil-medicina forensika, ezebixxa u konferma bil-gurament r-rapport ossia Ezami Medikolegali fuq il-persuna ta' Jean Paul Sultana fis-seduta tal-29 ta' Marzu, 2023 (Dok MS). L-espert forensiku ghamel referenza ghal relazzjoni tieghu datata 16 ta' Mejju, 2020 ezebit fl-atti tal-inkjesta. Fuq il-griehi sofferti minn Jean Paul Sultana Dr Scerri ikkonkluda

"wara li l-esponent acceda l-ispizerija Remedies f' Ta' Xbiex nhar is-27 ta' Marzu, 2023 fejn hemm huwa ezamina lil Jean Paul Sultana jikkonkludi:

1. Illi nhar il-5 ta' Dicembru, 2018 Jean Paul Sultana intlaqat minn vettura fi Triq Prof. W. Ganado f' San Giljan:
2. Illi dan gie trasferit immedjatament l-isptar Mater Dei fejn dan baqa' konxju u nstab illi dan kellu frattura tal-*pelvis* u tal-*ischium* tal-lemin u evidenza ta' lacierazzjoni zghira fil-fwied li huma lezjonijiet ta' natura gravi *per durata;*
3. Illi waqt l-incident dan garrab abrazjoni fuq in-naha tal-lemin tal-wcc rizultat ta' *blunt trauma.*
4. Illi din ma baqghetx tidher bhala marka fuq il-wicc;
5. Illi ma kienx hemm kumplikazzjonijiet rizultanti minn lacerazzjoni zghira fil-fwied;
6. Illi l-ftatturi deskritti fil-*pelvis* u l-*ischium* tal-lemin fiequ minghajr kumplikazzjonijiet u l-ghamla u l-funzjoni gew preservati;
7. Illi wara dan l-incident Jean Paul Sultana beda jinghata l-medicinali ghall-*anxiety disorder."*

Fix-xhieda tieghu Dr Mario Scerri jikkonferma li ma hemmx dizabilta' permanenti konsegwenza tal-incident. Jikkonferma li mill-aspett mediku it-tifel irkupra kompletament.

**L-Spettur Leroy Engerer Balzan** xehed fis-seduta tad-29 ta' Marzu, 2023. Dak iz-zmien tal-incident kien stazzjonat l-ghassa ta' San Giljan. Gie infurmat min PS 790 Nathan Zerafa fuq l-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Il-verzjoni tal-imputat kien li kien tajjar tifel li kien qasamlu bl-addocc. It-tifel, li kellu 11 il-sena kien ittiehed l-isptar Mater Dei u kien l-ITU u ghalhekk fil-perikolu li jitlef hajtu. L-ispettur informa lil Magistrat tal-Ghassa Dr Doreen Clarke li hatret inkjesta. Ix-xhud acceda fuq il-post wara l-incident. Mistoqsi fuq ir-ritratti 13.2 jidher li l-karozza kienet ghada fejn sehh l-incident fil-pozizzjoni ta' meta sehh l-incident. Ix-xhud jaghraf lil imputat fl-awla. Ix-xhud wara li raha l-okkorrenza jikkonferma li ma hemmx referenza ghall-omm l-minuri.

**L-atti tal-inkjesta Magisterjali.** Il-procès-verbal dwar l-incident stradali mertu ta' dawn il-proceduri inghalqu fil-18 ta' Novembru 2020. L-atti gew ta' l-inkjesta gew formalment prezentati quddiem dina l-Onorabbli Qorti fis-seduta tal-19 ta' Lulju, 2021.

**Ikkunsidrat**

il-PL Mario Buttigieg appuntat fl-atti tal-inkjesta li kellu l-fakolta' li jigbor ix-xhieda. Quddiem il-perit tekniku l-vittma fil-prezenza taz-zewgt genituri tieghu xehed li qasam mit-traffic lights imma ma jiftakarx jekk ghafasx id-dawl. Minn naha l-ohra l-imputat kemm quddiem il-perit tekniku kif ukoll fil-verzjoni li taha lil pulizija kien konsistenti li l-impatt sehh wara li ghadda l-pelican lights li kienu hodor u qabez zewgt vetturi li kienu ipparkajati fil-gemb tat-triq meta l-minuri hareg ghallarieda mit-triq. Mhux kontestat li t-tifel kien qed jaqsam wahdu. Mill-qisien li ha l-perit tekniku fuq il-post irrizulta li bejn nofs tal-pedestrian crossing sa fejn waqfet il-vettura hemm distanza ta' 12.972 m. Ma kienx hemm break-marks u l-hsara fuq il-vettura kienet moderata.

L-espert tekniku PL Mario Buttigieg fir-relazzjoni tieghu jirraporta (pagna 14 tar-rapport) "illi fl-opinjoni tal-esponent illi jekk vera Sultana qasam minn fuq il-pedestrian crossing hu tar bid-daqqa distanza ta' tnax il-metru punt disa' sebgha tnejn (12.972m) metri l-boghod. Il-perit tekniku ikkalkula l-velocita' tal-vettura a bazi tal-istqarrija tal-vittma li hu kien qed jaqsam fuq it-traffic lights meta ittajjar mill-vettura u fuq dan il-presuppost ikkalkula li l-imputat kien qed isuq il-vettura b' velocita' ta' bejn erbghin metru fis-siegha sa wiehed u hamsin kilomteru fis-siegha.

Ezebiti ukoll fl-atti magisterjali hemm ukoll sett ta' ritratti mehuda minn PC 1491 Kurt Attard (Dok. 13.2 SA 13.6) kif ukoll rapport tal-espert forensiku Dr Mario Scerri li sussegwentement xehed fil-proceduri tal-kawza dwar l-andament mediku tal-vittma tal-incident.

**Ikkunsidrat**

Il-pulizija li accedew fuq il-post xehedu li meta waslu fuq is-sit tal-incident l-vettura ma kienitx iccaqalqet minn fuq il-post u t-tifel kien ghadu mixhut mal-art. Ir-ritratti ezebiti fl-atti tal-inkjesta u r-ritratti ezebiti fil-process Dok RC 1 u Dok RC 2 juru li l-karozza fl-istess post u cioe' xi metri l-boghod mill-pelican lights biswit parking bays fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Mir-rapport tal-perit tekniku fl-atti tal-inkjesta bejn nofs tal-pedestrian crossing sa fejn waqfet il-vettura hemm distanza ta' 12.972 m. Il-Qorti hija sprovista minn prova indipendenti jekk il-pedestrian, f' dan il-kaz minuri ta' hdax il-sena li ma kienx akkompanjat mill-genituri fil-hin tal-incident, qasamx minn fuq il-pelican lights jew le.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulziija (Spettur Silvana Zrinzo Azzopardi) vs Dorianne Camilleri (Appell Nru. 89/2017) deciza fil-28 ta' Frar, 2018 wara dahlet fid-dettal tal-gurisprudenza dwar ir-responsabilta' tal-pedestrian fit-triq meta imqabbel ma dawk tas-sewwieqa u ghamlet referenza ampja ghall-diversi sentenzi u guristi dwar dan l-aspett ikkunsidrat *"Dak li ghandu jigi stabilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa."*

Il-prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha issottomettiiet li l-imputat ma kellux a proper look out u kellu jinstab hati.

Illi għas-sejbien ta' ħtija kriminali il-Qorti trid ikollha ċertezza morali dwar il-ħtija tal-imputat, fi kliem ieħor trid tkun konvinta lil ħinn minn kull dubju dettat mir-raġuni

mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`.

Il-Qorti tenut kont tan-nuqqas ta' prova indipendenti li l-minuri qasam minn fuq pelican lights, il-hsara minima fil-vettura tal-imputat li jindika li ma kienx qed isuq b' velocita', in-nuqqas ta' break-marks, li l-karozza waqfet cirka 12 il-metru mill-*pelican lights* biswit *parking bays* gewwa triq dritta ma tistax teskludi li l-vittma qasam ghallarieda minn bejn il-karozzi u li ghalhekk ikkreaja event li ma setghax jigi evitat.

**Decide**

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 226(1)(a)(b) (d), l-artikolu 218 tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta ' Malta u l-artikolu 15(1) tal-Kap. 65 tal-ligijiet ta' malta. 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta qed isib lil Raymond Caruana **mhux ħati** tal-imputazzjonijiet kollha stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**